MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 117/2008/1

**Diane Holdings Limited (C34633) u**

**Cassar Fuels Limited (C28453)**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet tal-5 ta’ Frar 2008 li jaqra hekk:

“Illi s-socjeta` Diane Holdings Limited hija l-proprjetarja tal-vapur M/T Sacro Cuor I registrat Valletta, Malta, skond kif jidher fic-Certifikat prezentat mar-rikors u immarkat Dokument A. Dan l-imsemmi vapur jigi operat bhala *barge* tal-*fuel* mis-socjeta` Cassar Fuels Limited li hija socjeta` li tissuplixxi *fuel* lill-industrija u lill-opri tal-bahar fit-territorju u l-ibhra Maltin.

“Illi fl-24 ta’ Jannar 2008, il-vapur Sacro Cuor I kien ormeggjat fil-Malta Freeport minhabba maltemp kbir li laqat il-gzejjer Maltin u kien qed jistenna sabiex il-maltemp jikkalma halli jista’ johrog iforni diversi vapuri barra l-Port – ghal-liema skop f’dak il-mument kien mghobbi b’mitejn u tnax-il elf mitejn u sitta u hamsin litru (212,256 Lt.) *gas oil* (*diesel*).

“Illi fl-imsemmija gurnata ta’ l-24 ta’ Jannar 2008 sar intervent mill-Pulizija u minn Ufficjali tad-Dwana ta’ Malta li bhala rizultat tieghu l-Kaptan tal-vapur Sacro Cuor I, certu Murman Tsiteladze gie arrestat u sussegwentement imressaq quddiem l-Onor. Qorti tal-Magistrati akkuzat bi ksur ta’ l-Ordinanza tad-Dwana.

“Illi fl-imsemmija proceduri fil-konfront tal-imsemmi Kaptan, l-intimat Kontrollur tad-Dwana talab is-sekwestru u l-Qbid formali tal-vapur Sacro Cuor I u tal-*fuel* kollu abbord l-istess fl-ammont ta’ 212,256 litri *gas oil* u dan permezz tal-hrug ta’ Noti ta’ Qbid 19/2008 u 18/2008 rispettivament liema Noti gew notifikati lir-rikorrenti fit-30 ta’ Jannar 2008.

“Illi ghalhekk l-imsemmija Nota ta’ Qbid numru 18/2008 fir-rigward tal-vapur M/T Sacro Cuor I mahruga fl-24 ta’ Jannar 2008 u Nota ta’ Qbid numru 19/2008 fir-rigward 212,256 litri *gas oil* ukoll mahruga fl-24 ta’ Jannar 2008 u

entrambi notifikati skond il-ligi fit-30 ta' Jannar 2008 inhargu fil-konfront tar-rikorrenti u qeghdin jolqtu direttament assi necessarji u indispensabbli ghall-attivitajiet kummercjali tar-rikorrenti, li huma totalment u assolutament estranji ghal fatti kollha relattivi ghall-akkuzi rivolti kontra l-Kaptan fuq imsemmi u ghal kull allegazzjoni jew ksur relattivi ta' l-Ordinanza tad-Dwana.

"Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-intimat qed jitlob il-Qbid *ai termini* ta' l-Artikoli dettaljati fl-imsemmija Noti ta' Qbid.

"Illi r-rikorrenti jsostnu bil-qawwa kollha li huma ma kellhom assolutament ebda gharfien kif previst fl-Artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imsemmi bastiment proprjeta` ta' Diane Holdings Limited u operat minn Cassar Fuels Limited seta' kien b'xi mod involut f'xi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana u ghalhekk il-Qbid odjern huwa arbitrarju u ingust u l-fattispeci tal-kaz relattivament ghal pozizzjoni tar-rikorrenti huma tali li l-istess Qbid qatt ma kellu jsir fil-konfront tar-rikorrenti u ta' l-assi taghhom.

"Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-qbid tal-*fuel* dettaljat fin-Nota ta' Qbid 18/2008 qatt ma seta' jsir validament ghaliex l-Artikolu 69(2) effettivament ma jinkludix mal-lista ta' oggetti li *se mai* jistghu jinqabdu flimkien mal-bastiment, tali *fuel*. Dil-merkanzija ma setghet qatt tinqabad ghaliex ma kienet bl-ebda mod involuta fil-mekkanizmu ta' dak li qieghed jigi allegat u dwarha ma hemm ebda pendenza u ghalhekk l-intimat ma seta' qatt validament jghaddi ghal qbid ta' l-istess.

"Illi r-rikorrenti u d-diretturi taghha ma jistghu qatt ikunu misjuba hatja bi ksur ta' l-Artikoli 60 (h), (k), 62 (a), (f), (g), (h), (i), (k), 68 (1), 69 (1), (2), paragrafu (a) tal-*Proviso* tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Ligjiet ta' Malta u ta' l-Artikoli 16 (1) (j), 17 (a) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-allegat ksur seta' sar biss minn terzi, klandestinament fil-proprjeta` taghhom u assolutament minghajr partecipazzjoni, konoxxenza jew gharfien la dirett u lanqas indirett da parti taghhom previst u kontemplat mil-Ligi.

"Illi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-agir ta' l-intimat gja ikkawza u qieghed jikkawza danni ingenti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatt illi b'konsegwenza diretta ta' tali qbid gew paralizzati l-maggor parti ta' l-

attivitajiet kummercjali ta' l-istess rikorrenti, inkluz telf ta' qligh; pregudizzju lill-avvjament u telf finanzjarju qawwi immens.

"Illi l-intimat minkejja li gie debitament interpellat sabiex jirrilaxxa l-imsemmija oggetti dettaljati fin-Noti ta' Qbid numru 18/2008 u 19/2008 u jirrevoka, jirtira u jannulla l-istess Noti ta' Qbid u jirritorna l-pussess effettiv ta' l-oggetti maqbuda, baqa' inadempjenti.

"Is-socjetajiet rikorrenti talbu lill-Qorti:

"1. Tiddikjara li n-Noti ta' Qbid numri 18/2008 u 19/2008 inhargu ingustament, b'mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu revokati.

"2. Tordna lill-intimat jirrilaxxa kull oggett mizmum fil-pussess tieghu li jappartjeni lis-socjetajiet rikorrenti u tordna konsegwentement ghalhekk ir-rilaxx tal-vapur Sacro Cuor I u tal-*fuel* kollu abbord l-istess fl-ammont ta' 212,256 litri *gas oil* fuq imsemmija.

"3. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-hrug tan-Noti ta' Qbid 18/2008 u 19/2008 fuq imsemmija u ta' l-azzjonijiet tieghu sussegwentement ghal tali hrug.

"4. Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

"5. Tikkundannah li jhallas lir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jigi hekk likwidat.

"Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-intimat li gie ngunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li in forza taghha eccepixxa:

> "Illi l-vapur M/T Sacro Cuor I, b'kull ma kien fih, inkluz il-*fuel* li kien mghobbi bih, inqabdu mill-initimat peress li fuq il-vapur instabet kwantita` ta' sigaretti li kienet f'Malta minghajr il-hlas tad-dazju tas-sisa u VAT dovuti fuqha u dan *ai termini* ta' l-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, liema qbid ta' bastiment b'kull ma fih, hu tassattiv.
>
> "Illi f'kaz ta' qbid ta' bastiment, l-artikolu 69(2) tal-Kap 37 jipprovdi ghal x'ghandu jinqabad flimkien mal-vapur izda jaghti lista ta' oggetti li mhix konklussiva. Dan ifisser li jista' jkun hemm iktar oggetti li jinqabdu flimkein mal-vapur u mhux biss dawk imsemmija fis-subartikolu. Anzi l-intimat issottometta li l-intenzjoni tal-legislatur f'dan is-subartikolu hi li l-bastiment jinqabad b'kull ma jkun fih, inkluz bit-taghbija tieghu. Dan hu li ghamel l-intimat.
>
> "Illi mbaghad rigward ix-xjenza mehtiega biex ikun applikabbli l-artikolu 68, l-intimat issottometta li dan l-artikolu jitlob li huwa min jaghmel uzu illegali mill-mezz tal-garr li ghandu jkun jaf konxjament b'dan l-istess uzu, u mhux is-sidien tal-mezz tal-garr. Ix-xjenza u l-gharfien tas-sid ta' l-oggetti maqbuda dwar l-uzu illegali li kien qed isir bl-oggett proprjeta` tieghu hi ghal kollox irrelevanti ghal fini ta' dan l-artikolu u ghal dawn il-proceduri. Hi wkoll irrelevanti r-relazzjoni li hemm bejn l-oggett maqbud u sidu.
>
> "Illi fir-rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li qed isofru paralizi ta' l-attivita` kummercjali taghhom minhabba dan il-qbid, l-intimat issottometta li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 72(4) tal-Kap 37, ir-rikorrenti nghataw lura l-bastiment b'kull ma kien fih, barra naturalment is-sigaretti, u dan wara li huma taw somma ta' flus adegwata, liema somma hadet il-post tal-bastiment u l-oggetti maqbdua ghall-fini tal-proceduri kollha marbuta ma' dan il-kaz.
>
> "Illi ghalhekk il-qbid tal-bastiment u tal-*fuel* in kwistjoni sar skond il-ligi u din il-Qorti ghandha tikkonfermah.
>
> "Illi rigward it-talbiet li qed isiru fir-rikors promotur, l-intimat jissottometti li t-tielet, ir-raba' u l-hames talba ma jistghux isuru u dan peress li:
>
> "a. Din il-procedura ta' kontestazzjoni ta' nota ta' Qbid qed issir *ai termini* tal-artikolu 72 *et seq* tal-Kap 37. L-artikolu 73(3) jipprovdi li l-unika talba li tista' ssir f'dawn il-proceduri hija talba ghar-rilaxx ta' l-oggett maqbud.
>
> "b. L-artikolu 68(3) tal-Kap 37 jipprovdi li l-intimat ma jwegibx ghad-danni fir-rigward ta' qbid ta' bastiment.
>
> "c. Minghajr pregudizzju ghar-ragunijiet l-ohra gja moghtija, jinghad ukoll li permezz ta' din il-procedura, ir-rikorrenti qeghdin ukoll jattakkaw ghemil amministrattiv. Minhabba s-silenzju tal-ligi specjali (tad-Dwana) fuq il-punt ta' meta l-intimat iwiegeb ghad-danni, hu mehtieg li jkunu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 469A tal-Kap 12. Dan l-artikolu jipprovdi li l-intimat ma jistax ikun responsabbli ghal xi danni qabel ma jkun ippruvat u dikjarat

mill-Qorti li l-intimat agixxa in *mala fede* jew li sehhew il-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess artikolu. Pero` dwar dan ma jidhirx li qed issir xi allegazzjoni mir-rikorrenti.

“Ghaldaqstant l-intimat jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom u hekk tikkonferma z-zewg noti ta’ Qbid numru 18/2008 u 19/2008 fl-effetti kollha taghhom.”

Rat is-sentenza tal-istess Qorti moghtija fl-14 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha iddikjarat il-mertu tal-kawza ezawrit stante sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fir-rigward tal-vapur u l-*fuel* in kwistjoni, bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet;

Illi minhabba n-natura tal-kawza jkun tajjeb li tigi riprodotta parti sostanzjali tas-sentenza appellata:

“Fit-23 ta’ April, 2010 il-Kontrollur tad-Dwana ipprezenta rikors li bih espona:

“Illi permezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta’ Frar 2009 fl-ismijiet **The Police vs Murman Tsiteladze**, il-vapur bl-isem Sacro Cuor I u 212,256 litru gas oil, kif ukoll il-garanziji li skont il-ligi hadu posthom, kienu konfiskati favur l-Istat.”

“Illi ghalhekk issa, ir-rikorrent m’ghadux sid il-vapur u l-*fuel* (u l-garanzija li tirrapprezentahom) ladarba dawn kienu konfiskati favur l-Istat. Ukoll l-esponent jinsab fl-impossibilita` li, f’kaz ta’ ezitu favorevoli ghar-rikorrent, jirrilaxxa dawn l-oggetti maqbuda lura lir-rikorrent.

“Illi ghalhekk l-esponent jissottometti li l-mertu ta’ din il-kawza llum huwa ezawrit.

"Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li l-mertu ta' din il-kawza huwa llum ezawrit minhabba r-ragunijiet moghtija hawn fuq."

"Illi ghal dan ir-rikors is-socjeta` rikorrenti Diane Holdings Limited irrispondiet:

"Illi ma jirrizultax mir-rikors promotur fuq liema bazi legali jew disposizzjoni tal-ligi qed issir it-talba in kwistjoni da parti tal-kontro-parti.

"Illi r-rimedju mitlub mhuwiex kontemplat mil-ligi u jekk xejn igib fix-xejn dak kontemplat fl-artikoli 72 *et seq* tal-Kap. 37 fejn espressament jinghata rimedju quddiem il-Qrati Civili kif qed jigi invokat f'dawn il-proceduri. Ma hemm xejn fil-ligi li jipprovdi li dawn il-proceduri civili jigu b'xi mod pregudikati jew ezawriti minhabba l-ezitu partikolari fil-kors ta' proceduri kriminali. Illi jekk xejn il-fatt illi fil-Kap. 37 hemm kontemplat kemm proceduri penali kif ukoll civili, liema proceduri jibqghu indipendenti u awtonomi minn xulxin, jipprospetta l-possibilita` ta' eziti differenti.

"Illi ghalhekk is-socjeta` Diane Holdings Limited topponi ghat-talba billi din mhijiex legalment sostenibbli."

"Rat ir-replika tal-Kontrollur tad-Dwana tas-6 ta' Awissu, 2010 u li giet esebita kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana tal-Qorti** ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2000 (909/90). Fiha nghad:

> "Illi kif awtorizzat jaghmel fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2010, l-esponent qed jipprezenta replika ghar-risposta ta' Diane Holdings Limited, wara li l-esponent ipprezenta rikors biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-mertu ta' din il-kawza huwa llum ezawrit."

"Illi s-socjeta` rikorrenti tallega li m'hemmx bazi legali ghat-talba li llum il-mertu huwa ezawrit. L-esponent dwar dan iwiegeb li l-bazi legali tirrizulta mit-tifsira tal-istitut tal-konfiska, kontemplata fl-Ordinanza tad-Dwana. Meta jkun hemm konfiska t'oggett permezz ta' sentenza tal-Qorti (a bazi tal-Kap 37 jew a bazi ta' xi ligi ohra), is-sid tal-oggett isir l-Istat u l-pussess tal-oggett jghaddi wkoll ghand l-Istat. Ghalhekk fil-kaz odjern is-socjeta` rikorrenti m'ghadhiex is-sid

tal-vapur u l-esponent Kontrollur m'ghadx ghandu l-pussess tieghu, minhabba li l-vapur kien konfiskat b'sentenza tal-Qorti. Ghalhekk, ir-rikorrent gie issa f'pozizzjoni li qed jitlob rilaxx t'oggett li m'ghadux tieghu, haga li ma tistax issir, u l-esponent gie f'pozizzjoni li jekk ikun ordnat, ma jistax jirrilaxxa l-vapur ghaliex m'ghadx ghandu pussess tieghu. Ghalhekk il-mertu tal-kaz huwa ezawrit. L-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza **Victor Gauci vs Joseph Micallef** (Prim'Awla, 25/07/1985) dwar il-punt tal-ezawriment tal-mertu ta' kawza.

"Illi l-artiklu 72 tal-Kap 37 jikkontempla procedura ghar-rilaxx t'oggett maqbud u fil-pussess tad-Dwana. Jekk kif ga inghad, l-esponent ma jistax jirrilaxxa l-oggett ghax dan m'ghadux fil-pussess tieghu, allura l-azzjoni ghar-rilaxx ma tistax tissussisti u s-sekwenza tal-affarijiet kif graw stultifikaw l-azzjoni taht dan l-artiklu.

"Illi dwar x'jigri meta jkun hemm konfiska t'oggett maqbud mid-Dwana permezz ta' proceduri kriminali, u dwar ir-relazzjoni bejn proceduri civili u proceduri kriminali li jirrizultaw mill-Ordinanza tad-Dwana, l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana, kopja prezentata mar-replika u mmarkata Dok KD.

"Ghaldaqstant l-esponent jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li l-mertu ta' din il-kawza huwa llum ezawrit."

"Illi ghalhekk il-kawza baqghet differita halli l-Qorti tiddeciedi jekk il-mertu tal-kawza odjerna huwiex illum ezawrit.

"**B. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Hawn wiehed bil-fors irid jirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Michael Bharwani vs Kontrollur tad-Dwana** ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru, 2000 (909/90). Il-fatti taz-zewg kawzi ghandhom similitudini kbira. Il-Qorti sejra tikkwota partijiet minn dik is-sentenza:

"(a) Hi ghal kollox f'postha l-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi una volta l-oggetti mportati gew konfiskati favur il-Gvern ta' Malta bis-sahha ta' sentenza ta' Qorti kompetenti li ghaddiet in gudikat, dik il-proprjeta' mhux biss ma baqghetx tar-rikorrent appellant imma saret tal-Gvern ta' Malta izda certament ma baqghetx fil-pussess ta' l-intimat appellat Kontrollur tad-Dwana. Zgur allura li l-appellant ma setghax jigi kundannat biex jirrilaxxja a favur ta' l-appellant l-oggetti minnu mportati, kif qed jitlob fir-rikors promotur li l-finalita' tieghu giet allura ezawrita, u, konsegwentement, huma wkoll inutili t-talbiet l-ohra li r-rikorrent jippremetti ghal din it-talba centrali…

"(d) L-artikolu 72 tal-Kap 37 jipprovdi illi kull meta jsir qbid <u>barra minn meta jsir quddiem il-hati jew is-sid</u> ta' oggetti suggetti ghall-konfiska taht dik l-Ordinanza, l-ufficjal li jaghmel qbid kellu jaghti avviz bil-miktub ta' dak il-qbid u tar-raguni tieghu lis-sid ta' l-oggetti maqbuda. Kien pero' ugwalment possibbli illi jinqabdu oggetti fil-presenza tal-hati jew tas-sid u f'dak il-kaz ma jkunx mehtieg illi inghata dan l-avviz. F'kull kaz pero' il-hwejjeg maqbuda taht l-Ordinanza tad-Dwana, jkunu xi jkunu c-cirkostanzi, kienu jitqiesu konfiskati bis-sahha tal-ligi stess, setghu jinbieghu jew jistghu jinbieghu minn xorta ohra kif jordna l-Ministru responsabbli ghad-Dwana kemm il-darba dak li minn ghandu il-haga tkun giet maqbuda jew sidha ma jaghtix avviz bil-miktub lill-Kontrollur li jkun se jipprocedi bil-procediment specjali ai termini ta' l-artikolu 723 u hekk fil-fatt jipprocedi (subinciz (2) ta' l-artikolu 72). Dan ifisser illi l-procediment specjali biex il-persuna li minn ghandu jkunu gew maqbuda l-oggetti jew sidhom, jitlob lura l-hwejjeg importati maqbuda, kellu jsir kull meta jsir qbid ta' hwejjeg taht l-Ordinanza ikunu x'ikunu c-cirkostanzi u kemm jekk il-pulizija ezekuttiva tipprocedi kriminalment kif ukoll jekk le.

"Dawn il-provvedimenti ikomplu jenfasizzaw jekk kien hemm bzonn id-distinzjoni netta bejn il-procediment kriminali u l-procediment civili. Il-procediment kriminali kien jikkontempla l-possibilita' ta' ordni ta' konfiska kemm bhala parti mill-piena kif ukoll bhala mizura ta' ordni pubbliku in difiza ta' l-erarju pubbliku. Dan biex jigi assigurat li ma tithalliex l-importazzjoni f'Malta ta' proprjeta' li jew ma setghetx tigi mportata Malta jew li setghet tigi hekk importata pero' li fuqha ma jkunx thallas id-dazju. F'dan is-sens kien ukoll l-insenjament gurisprudenzjali interpretattiv ta' l-Ordinanza kif espress fis-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

"Hu allura aktar minn ovvju illi kull Qorti kellha tirrispetta decizjoni ta' Qorti kompetenti ohra li tapplika l-ligi b'sentenza li tkun ghaddiet in gudikat meta dak il-mertu jkun kjarament jaqa' fil-kompetenza taghha. Id-dritt tal-persuna akkuzata jew tas-sid ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza seta' allura jipprosegwixxi bil-procediment specjali previst fl-artikoli 73 ta' l-

Ordinanza biss u kwante volte dak id-dritt tieghu ma jkunx gie diga' definit b'sentenza ta' Qorti kompetenti li tkun diga' ordnat il-konfiska. F'dan il-kuntest allura hija gusta l-osservazzjoni fis-sentenza appellata illi l-Qorti Civili ma setghetx taghti ordni li kienet inkompatibbli mal-konfiska ordnata validament u skond il-ligi minn Qorti ohra kompetenti b'sentenza li tkun ghaddiet in gudikat.

"Decizjoni ta' din ix-xorta mhux biss tkun tfisser intralc dirett fil-kamp gurisdizzjonali ta' Qorti kompetenti ohra imma wkoll ikollha l-effett li tinnewtralizza u tirrendi inutili u ineffikaci dik is-sentenza. Proposizzjoni din ghal kollox insostenibbli ghax anti-guridika....

> "(e) Il-bazi guridika ta' dawn il-konsiderazzjonijiet hu propriju l-principju li l-azzjoni civili hija indipendenti minn dik penali."
>
> "Hu risaput li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili (l-azzjoni hekk imsejha fis-sens estiz tad-dritt privat) jappartjenu t-tnejn kull wahda minnhom fl-isfera taghhom ghall-kriterji distintissimi biex juri u jissenjaw zewg ordnijiet ta' fatt umani li ghandhom in komun il-vjolazzjoni ta' dritt...... Fiz-zewg kawzi (pero') ma hemmx l-istess identita' ta' raguni il-ghaliex ma hemmx l-istess identita' ta' suggett jew kif tissejjah 'identica causa petendi'." (Vol XXXIV.ii.480)

"L-azzjoni civili hija mmirata biex tirripristina l-ordni socjali disturbat bir-reat kriminali allegatament kommess fil-waqt li l-azzjoni civili hija ntiza ghall-harsien u rivendika tal-proprjeta' ta' l-attur. Strettament pero' ma kienx korrett li jinghad illi hawn si tratta ta' azzjoni civili u azzjoni penali naxxenti mill-istess reat. L-azzjoni civili ghar-rizarciment tad-danni kagonati b'reat tikkomprendi rizarciment tal-hsarat kagonati b'dak ir-reat u wkoll ir-reintegrazzjoni tad-dritt vjolat bil-fatt illecitu meta tali reintegrazzjoni tkun possibbli...."

"**E. KONKLUZJONIJIET:**

"I. Illi ghalhekk jirrizulta li fil-kaz in ezami kien hemm il-konfiska.

"II. Hu logiku wkoll li meta jkun hemm konfiska t'oggett permezz ta' sentenza tal-Qorti s-sid ta' l-oggett isir il-Gvern ta' Malta u l-pussess ta' l-oggett jghaddi wkoll ghand il-Gvern.

"III. F'dan l-istadju s-socjeta` rikorrenti m'ghadhiex aktar is-sid tal-vapur.

"IV. Il-Qorti Civili ma tistax taghti ordni li tkun inkompatibbli mal-konfiska ordnata validament u skond il-ligi minn Qorti ohra kompetenti b'sentenza li tkun ghaddiet in gudikat.

"V. Illum il-Kontrollur m'ghadx ghandu l-pussess tal-vapur.

"VI Ghalhekk il-mertu tal-kaz huwa ezawrit. Il-Qorti hi ezawtorata mis-setgha li tisma' u tiddecidi il-kaz u li tordna lura r-radd ta' l-oggett.

"Ghal dawn il-motivi l-meritu tal-kaz huwa ezawrit, u tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

"Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetajiet atturi li permezz tieghu talbu r-revoka tas-sentenza msemmija u occorrendo terga' tibghat l-atti lill-ewwel Qorti biex tiddeciediha fil-mertu, bl-ispejjez kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha irrespingiet it-talba tal-appellanti u talbet il-konferma tas-sentenza bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

L-appellanti qed iressqu quddiem din il-Qorti bazikament aggravju wiehed u cioe` li huma ma kienux parti fil-proceduri kriminali u allura ma kellhomx jigu effettwati negattivament bis-sentenza finali tal-istess Qorti fil-proceduri msemmija. Dan ghaliex qed isostnu li s-sentenza appellata hija prattikament ibbazata fuq l-insenjament tas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-sena 2000 (**Bharwani v. Kontrollur tad Dwana)** li pero` kienet istitwita mill-istess persuna li fil-konfront tieghu kienu gew istitwiti u konkuzi l-proceduri kriminali u dan kuntrarjament ghall-kawza odjerna.

Minghajr dubju Qorti ma tistax permezz tas-sentenza li taghti, tirrendi ineffikaci l-effetti ta' sentenza ohra moghtija debitament u li ghaddiet in gudikat. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Burlington Limted v. Enemalta**, deciza fis-27 ta' Gunju 2014):

> "Il-kuncett tar-**res judicata** huwa infatti ta' ordni u interess pubbliku – ihares ic-certezzi tad-drittjiet li gew definit b'sentenza, ibieghed il-possibbilita` ta' sentenzi li ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u taghlaq il-bieb ghall-kwistjonijiet li jkunu gew stabbiliti b'sentenza – **Galea v. Falzon, Prim' Awla – 7 ta' Frar 2002**).

> "L-iskop tal-principju tar-**res judicata** kif inghad, hu evidenti u cioe` li l-legislatur hass li ma jistax ikun hemm stat ta' incertezza indefinita fejn jidhlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwiziti wara process gudizzjarju."

Fil-kawza **Gerada v. Caruana**, imsemmija mill-istess sentenza u li giet deciza fl-1973 intqal:

> "L-effikacja guridika u socjali tal-gudikat tirrikjedi illi l-amministrazzjoni tal-gustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiz ma tigix imfixkla u intralcjata billi fi kwalunkwe zmien u bla ebda limiti l-parti li titlef kawza terga' tqajjem kwistjonijiet rigward taghha u terga' tiftahha."

Fil-ftuh tat-trattat tieghu dwar dan l-istitut, **Laurent** jiccita awtur iehor **Pothier** li jghid *L'autorita` della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur.*

Interessanti dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Cassar v. Carmela Camilleri**, deciza fil-25 ta' Frar 2009 – naturalment f'kuntest differenti ghal dak odjern fejn il-Qorti kellha quddiemha kawza ghal zgumbrament:

"F'din il-kawza l-atturi finalment qed jitolbu l-izgumbrament tal-art in kwistjoni peress li skont huma l-konvenuti ma ghandhomx titolu legali ghaliha. Dan ghaliex skont huma, ladarba skada t-terminu indikat mill-iskrittura bejn il-partijiet li saret fl-1961 it-titolu ta' lokazzjoni li kellhom intemm.

"Fis-sentenza tal-1991 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Bord li jirregola l-kiri tar-raba billi cahad it-talbiet tar-rikorrenti li jirriprendu l-gardina bl-iskop li jibnu fuqha billi gie dikjarat li l-art kienet saqwi….. F'din il-kawza issa l-atturi qed jghidu li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u addirittura ilhom bla titolu mill-iskadenza tal-iskrittura.

"Il-Qorti thoss li jekk thalli l-kawza titkompla u allura thalli l-possibbilta` li jigi dikjarat li mal-iskadenza ta' din l-iskrittura (1973) intemm it-titolu tal-konvenuti, tkun qeghda necessarjament tiddikjara ineffikaci dak li l-Qorti tal-Appell gie iddikjarat effikaci u jistabilixxi r-rapport guridiku bejn il-partijiet. Is-sentenzi tal-1991 u tal-2002 u l-2007 ikkonfermaw li l-konvenuti ma setghux jigu zgumbrati ghar-ragunijiet indikati fir-rikorsi promoturi <u>li minnhom infushom jipprospettaw titolu</u>. Huwa veru illi l-eccezzjoni tar-res judicata ghandha tigi ammessa b'hafna cirkospezzjoni (**Gerada v. Caruana** - Qorti tal-Appell 7 ta' Marzu 1958 ) izda fl-istess hin l-istess sentenza tghid 'xi drabi jigri illi d-decizjoni mhix interament fil-parti disposittiva taghha izda anke fil-parti razzjonali taghha meta fil-motivazzjoni tigi definita u rizoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa logika u necessarja tad-dispozittiv u allura dik il-parti tifforma haga wahda mad-dispozittiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-gudikat'. Dawk is-sentenzi allura ikkonfermaw li l-konvenuti dak in-nhar kellhom titolu b'sahhtu bizzejjed biex ma jigux zgumbrati u l-Qorti ma tistax issa tigi f'posizzjoni li tiddikjara illi fl-1973 dak it-titolu ma kienx jezisti!"

Fil-kawza fl-ismijiet **Eugenio Borg v. Saverio Farrugia**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Marzu 1952 intqal illi:

"Hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza ghalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess haga jekk il-punt kontrovers ikun l-istess."

> “L-istess (bhal dak li ssemma’ fil-kawza **Cassar v. Camilleri**) jigri f’din il-kawza jekk il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` appellata – tirrendi ineffikaci dak deciz finalment minn din l-istess Qorti fl-2007 u dan meta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni qamet appuntu wara li nghatat dik id-decizjoni ghaliex meta giet intavolata dik il-kawza il-kreditu tal-korporazzjoni certament ma kienx preskritt.”

Huwa minnu li kif qalet l-ewwel Qorti effett ta’ akkoljiment tat-talbiet attrici jistghu irendu inutili ghall-inqas parzjalment l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-konfront tal-persuna msemmija. Madankollu, differentement mill-kawzi kollha citati – li kienu jirrigwardjaw materji **purament civili** u kawzi **bejn l-istess partijiet**, hawnhekk il-Qorti ghandha quddiemha kawza maghmula minn terzi li ma kienux assolutament parti fl-azzjoni kriminali. L-appellanti f’din il-kawza qed jitolbu rimedju skont l-Att relattiv ossija l-Ordinanza tad-Dwana u qed jallegaw li l-intimat kien zbaljat meta hareg in-noti tal-qbid imsemmija u qed jitolbu rimedju ghal dan l-allegat zball.

Din il-Qorti taqbel li kif qalet is-sentenza msemmija **Bharwani v. Kontrollur tad-Dwana**, *una volta* l-Qorti tal-Appelli Kriminali iddecidiet illi tordna l-konfiska tal-oggett in kwistjoni, dawn l-istess oggetti saru allura proprjeta` tal-Gvern u kwindi huwa evidenti illi whud mit-talbiet tal-appellanti fir-rikors promotur tieghu ma jistghux jigu milqugha. Madankollu dan ma jfissirx li t-talbiet kollha taghhom ghandom jigu stronkati kollha minhabba s-sentenza tal-Qorti Kriminali.

Din il-Qorti jidrilha li fil-waqt li kien korrett li l-ewwel Qorti tiddikjara ezawrit il-mertu tat-tieni talba ghaliex issa l-oggetti ma jistghux jigu ritornati mill-konvenut appellat lill-appellanti, dan ma jfissirx li l-atturi appellanti ma jistghux jipprocedu dwar it-talbiet l-ohra.  Il-kawza hija ippernjata fuq id-dispozizzjonijet tal-Att imsemmi u ghalkemm is-sentenza tal-Qorti Kriminali hija finali fil-konfront tal-akkuzat f'dawk il-proceduri, l-appellanti ma kellhomx jigu penalizzati b'dan il-mod minn sentenza f'kawza li fiha ma kienux partecipi u li fiha ma setghux jintervjenu.

Naturalment din il-Qorti m'hijiex se tidhol fil-mertu principali u cioe` jekk l-appellat kienx gustifikat johrog in-noti msemmija jew jekk l-eccezzjonijiet relattivi tal-konvenut appellat humiex gustifikati ghaliex dawn il-kwistjonijiet iridu l-ewwel jigu decizi mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili u eventwalment minn din il-Qorti biss jekk isir appell minn dik id-decizjoni.

Ghalhekk dan l-aggravju jirrizulta u l-Qorti se tilqa' l-appell hlief ghat-talba attrici msemmija.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata hlief ghat-tieni talba attrici li fir-rigward taghha l-Qorti tikkonferma li l-mertu ta' dik it-talba huwa ezawrit; tordna ghalhekk li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex din tiddeciedi dwar it-talbiet l-ohra.

L-ispejjez kollha sa issa, in vista tan-novita` tal-kwistjoni, ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------